**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 41/22 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1410/2014)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-tnejn t'Awissu tas-sena elfejn u erbatax u dan hekk kif jidher mic certifikat taz-zwieg hawm anness u mmarkat bhala DokRR1.

2. Illi l-parijiet huma legalment separati u dan b'kuntratt redatt quddiem im-Nutar Brenda Jane Camilleri nhar is-sebgha u ghoxrin t'April tas-sena elfejn u ghoxrin (27/04/2020), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok RR2. Illi miz -zwieg hawn fuq imsemmi ma twieldux tfal.

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li huma mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi huma m'ghandhomx assi komuni bejniethom.

5. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-konjugi u ghaldaqstant m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad divorzju skond Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet A B u C D li gie ccelebrat nhar it-tnejn t'Awissu tas-sena elfejn u erbatax (02/08/2014)

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2022;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jiddikjaraw li qeghdin jaqblu illi l-Qorti tghaddi ghas-sentenza u tigi akkordata t-talba tar-rikorrenti b'dan li il-penali dovuti ghall-pagament tard lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghas-snin 2017 sa 2019 jithallsu mir-rikorrenti wara li tinghata rendikont ta' tali penali.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sebgha u ghoxrin (27) t'April tas-sena elfejn u ghoxrin (2020);

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.